BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA
STATISTIKA MONETARJA TA' KULL XAHAR

**Ħarġa Nru. 05/2010**

**Awwissu 2010**

Il-Bank Ċentrali ta' Malta għadu kif ħareġ l-istqarrija tiegħu dwar l-istatistika monetarja ta' kull xahar għal Awwissu 2010.

**Il-kontribuzzjoni għall-aggregati monetarji u l-kontropartijiet taż-żona tal-euro**

Il-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) residenti f'Malta għall-aggregat monetarju sħiħ (M3) taż-żona tal-euro ċkienet b'0.9%, jew b'EUR82.7 miljun, f'Awwissu, biex laħqet EUR9.1 biljuni (ara Tabella 1). Minħabba f'hekk, ir-rata annwali tat-tkabbir tagħha battiet minn 3.2% f'Lulju għal 2.1%.

It-tnaqqis fil-kontribuzzjoni tal-M3 matul ix-xahar kienet prinċipalment dovuta għal tnaqqis ta' EUR134.3 miljun fil-komponent monetarju ristrett (M1) li ċkien minħabba tnaqqis ta' EUR132.2 miljun fid-depożiti *overnight.* Minħabba f'hekk, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-M1 battiet għal 14.3% f'Awwissu minn 18.7% f'Lulju.

Il-komponent monetarju intermedju M2 ċkien b'0.9% jew EUR84.1 miljun, hekk kif it-tnaqqis fl-M1 kien biss parzjalment mtaffi b'żieda fid-depożiti marbuta għal sentejn jew anqas u depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż wara tliet xhur.

Fir-rigward tal-kontropartijiet tal-M3, il-kontroparti tas-self kibret matul Awwissu b'EUR89.9 miljun jew 0.6%. Is-self lill-gvern ġenerali u lil residenti oħra żdied. Kollox ma' kollox, iżda, it-tkabbir annwali fis-self ċeda ftit minn 15.5% f'Lulju għal 15.0% f'Awwissu.

Il-kontroparti esterna tal-M3, li tirrifletti transazzjonijiet bejn l-IFM residenti f'Malta u dawk residenti f'pajjiżi barra ż-żona tal-euro, naqset b'EUR268.9

miljun, jew 2.9% f'Awwissu. Dan irrifletta aktar self minn IFM residenti mingħand residenti barra ż-żona tal-euro. Fl-istess ħin, żieda fl-ammonti ta' self u titoli ta' self miżmuma minn IFM residenti parzjalment pattiet għal tnaqqis qawwi fid-depożiti miżmuma minnhom barra ż-żona tal-euro biex b'hekk waqa' l-ammont ta' obbligazzjonijiet ta' residenti barra ż-żona tal-euro lejhom.

F'Awwissu, il-kontropartijiet l-oħra tal-M3 naqsu b'EUR96.3 miljun, jew 0.7%. Dan ġara minħabba tnaqqis qawwi fl-"obbligazzjonijiet oħra netti" li jinkludu transazzjonijiet bejn il-banek fiż-żona tal-euro. Dan tal-aħħar irrifletta tnaqqis fis-self bejn il-banek mogħti lil IFM residenti flimkien ma' tnaqqis fl-obbligazzjonijiet netti fil-konfront tal-Eurosistema.

**Residenti ta' Malta: depożiti u żviluppi fis-self**

Id-depożiti miżmuma minn residenti ta' Malta ma' IFM Maltin naqsu b'EUR131.1 miljun jew 1.6% f'Awwissu. Minħabba f'hekk, ir-rata tat-tkabbir annwali tagħhom battiet għal 2.5% f'Awwissu minn 3.8% f'Lulju (ara Tabella 2).

Matul ix-xahar kopert, id-depożiti *overnight* ta' residenti Maltin ċkienu b'EUR133.3 miljun jew 3.2% għalkemm ir-raġuni għal dan kienet minħabba eżerċizzju ta' riklassifikazzjoni. Fl-istess ħin, żdiedu b'EUR2.5 miljuni d-depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' tliet xhur jew anqas filwaqt li naqsu bi ftit id-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas.

Iż-żieda fid-depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' tliet xhur jew anqas kienet dovuta kollha kemm hi lill-individwi. B'kuntrast ma' dan, id-depożiti minn individwi li ntrabtu għal sentejn jew anqas naqsu b'EUR40.4 miljun, minħabba preferenza għal assi li huma barra l-M3 bħal stokks tal-Gvern ġodda. Sadanittant, kumpaniji privati mhux finanzjarji żiedu b'EUR45.0 miljun l-ammont ta' depożiti miżmuma minnhom li kienu marbuta għal sentejn jew anqas.

Wara tnaqqis fis-self lil residenti ta' Malta fix-xahrejn ta' qabel, dan kiber b'EUR93.6 miljun jew 0.9%. Għalhekk, ir-rata annwali tat-tkabbir fis-self irrankat għal 7.4% f'Awwissu minn 7.2% f'Lulju.

Matul ix-xahar kopert is-self lill-gvern ġenerali Malti kiber b'EUR32.1 miljun jew 1.5%. Dan ġara minħabba żieda qawwija fl-ammont ta' stokks tal-Gvern

ta’ Malta miżmuma mill-banek li pattiet għat-tnaqqis fl-ammont ta’ *bills* tat-Teżor miżmuma minnhom. Minkejja dan, ir-rata annwali tat-tkabbir fis-self lill-gvern ġenerali battiet għal 9.7% f’Awwissu minn 12.4% ix-xahar ta’ qabel.

Żdied ukoll is-self lil residenti lokali barra l-gvern ġenerali b’EUR61.5 miljun jew 0.8%. Dan ġara minħabba żieda fis-self lis-settur tat-trasport, ħażna u komunikazzjoni u lis-settur tal-individwi għax-xiri tal-proprjetà. Ir-rata tat-tkabbir annwali irrankat minn 5.8% f’Lulju għal 6.8% f’Awwissu.

Ir-rata tal-imgħax medja ppeżata, kif applikata minn banek residenti fuq depożiti tal-klijenti żdiedet marġinalment għal 1.38% f’Awwissu minn 1.37% ix-xahar ta‘ qabel, filwaqt li dik applikabbli għal self naqset minn 4.75% f’Lulju għal 4.72%.

***Aktar informazzjoni ekonomika u monetarja tista’ tinkiseb mis-sit elettroniku tal-Bank Ċentrali ta’ Malta www.centralbankmalta.org***

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 1: IL-KONTRIBUZZJONI TAL-IFMs RESIDENTI
## LILL-AGGREGATI MONETARJI TAŻ-ŻONA TAL-EURO U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAGĦHOM[1]

*€ miljuni*

| | | Aww-10 | Lul-10 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Lul-09 | Bidla Annwali | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **L-AGGREGATI MONETARJI[2]** | | | | | | | | |
| **L-AGGREGAT RISTRETT (M1)** | **1** | **4,805.5** | **4,939.8** | **-134.3** | **-2.7** | **4,204.1** | **601.3** | **14.3** |
| Flus maħruġa[3] | 1.1 | 659.5 | 661.6 | -2.1 | -0.3 | 622.0 | 37.5 | 6.0 |
| Depożiti *overnight*[4] | 1.2 | 4,146.0 | 4,278.2 | -132.2 | -3.1 | 3,582.1 | 563.8 | 15.7 |
| **L-AGGREGAT INTERMEDJU (M2)** | **2** | **8,942.2** | **9,026.3** | **-84.1** | **-0.9** | **8,713.3** | **228.9** | **2.6** |
| L-aggregat ristrett (M1) | 2.1 | 4,805.5 | 4,939.8 | -134.3 | -2.7 | 4,204.1 | 601.3 | 14.3 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas[4] | 2.2 | 113.8 | 111.3 | 2.5 | 2.2 | 110.8 | 3.0 | 2.7 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas[4] | 2.3 | 4,022.9 | 3,975.2 | 47.7 | 1.2 | 4,398.3 | -375.4 | -8.5 |
| **L-AGGREGAT SĦIĦ (M3)** | **3** | **9,138.5** | **9,221.1** | **-82.7** | **-0.9** | **8,954.3** | **184.1** | **2.1** |
| L-aggregat intermedju (M2) | 3.1 | 8,942.2 | 9,026.3 | -84.1 | -0.9 | 8,713.3 | 228.9 | 2.6 |
| Self kontra titoli | 3.2 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 |
| Titoli ta' self li nħarġu għal sentejn jew anqas[5] | 3.3 | 196.3 | 194.8 | 1.5 | 0.7 | 241.0 | -44.8 | -18.6 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAL-M3** | | | | | | | | |
| **IL-KONTROPARTI TAS-SELF** | **4** | **14,139.8** | **14,049.9** | **89.9** | **0.6** | **12,295.7** | **1,844.1** | **15.0** |
| Self lill-gvern ġenerali | 4.1 | 3,783.9 | 3,737.3 | 46.5 | 1.2 | 2,753.0 | 1,030.9 | 37.4 |
| Self lil setturi oħra | 4.2 | 10,355.9 | 10,312.5 | 43.4 | 0.4 | 9,542.7 | 813.2 | 8.5 |
| **IL-KONTROPARTI ESTERNA** | **5** | **9,117.2** | **9,386.1** | **-268.9** | **-2.9** | **6,959.1** | **2,158.2** | **31.0** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barra ż-żona tal-euro | 5.1 | 30,207.4 | 30,270.2 | -62.8 | -0.2 | 25,756.4 | 4,451.0 | 17.3 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barra ż-żona tal-euro (-) | 5.2 | 21,090.2 | 20,884.1 | 206.1 | 1.0 | 18,797.4 | 2,292.8 | 12.2 |
| **IL-KONTROPARTIJIET L-OĦRA** | **6** | **14,118.6** | **14,214.8** | **-96.3** | **-0.7** | **10,300.4** | **3,818.1** | **37.1** |
| Obbligazzjonijiet lill-gvern ċentrali | 6.1 | 834.9 | 600.6 | 234.3 | 39.0 | 541.5 | 293.4 | 54.2 |
| Obligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal | 6.2 | 11,170.7 | 11,030.8 | 139.9 | 1.3 | 5,185.7 | 5,985.0 | 115.4 |
| Obbligazzjonijiet oħra (netti) | 6.3 | 2,113.0 | 2,583.5 | -470.5 | -18.2 | 4,573.2 | -2,460.2 | -53.8 |

(1) Il-figuri juru l-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) Maltin għat-totali taż-żona tal-euro.

(2) Data dwar l-aggregati monetarji jinkludu obbligazzjonijiet fuq depożiti kemm lil residenti ta' Malta kif ukoll lil residenti oħra fiż-żona tal-euro.

(3) Dan ma jirrappreżentax kejl tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni f'Malta. Dan jinkludi s-sehem tal-Bank Centrali ta' Malta mill-karti tal-flus tal-euro maħruġa mill-Eurosistema, skont l-*allocation key* tal-karti tal-flus (li tirrifletti s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta fil-kapital imħallas tal-BĊE), kif ukoll muniti maħruġa mill-Bank f'isem it-Teżor wara li jiġi mnaqqas il-valur ta' karti tal-flus u muniti tal-euro miżmuma mis-settur tal-IFM. Għall-2008, ġew inklużi l-karti tal-flus u l-muniti tal-lira Maltija li għadhom ma ssarrfux. Dan għalhekk jirrappreżenta l-ammont li jifdal ta' flus li nħarġu wara li jitnaqqsu l-karti tal-flus u l-muniti tal-euro (u temporanjament il-flus tal-lira Maltija) miżmuma minn IFM f'Malta.

(4) Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

(5) Titoli ta' self li nħarġu għal sentejn jew anqas minn IFM f'Malta wara li jitnaqqsu titoli bħal dawn miżmuma minn IFM f'Malta u maħruġa minn IFM fi kwalunkwe post fiż-żona tal-euro. Din il-filliera turi l-ammonti netti (ħruġ ta' titoli bl-ammont miżmum minn IFM f'Malta mnaqqas) u jistgħu jkunu negattivi. Il-figuri jinkludu wkoll ishma/unitajiet ta' fondi li jinvestu fi swieq tal-flus (MMF).

**Noti:**

L-aħħar data għandha titqies bħala proviżorja. Is-sinjal '+' jfisser bidla perċentwali ta' aktar minn +/- 100.

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 2: RESIDENTI TA' MALTA - ŻVILUPPI FID-DEPOŻITI U FIS-SELF

*€ miljuni*

| | Aww-10 | Lul-10 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Aww-09 | Bidla Annwali | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **DEPOŻITI** | | | | | | | |
| **DEPOŻITI TOTALI TA' RESIDENTI** | **8,020.3** | **8,151.4** | **-131.1** | **-1.6** | **7,826.6** | **193.7** | **2.5** |
| Depożiti *overnight* | 4,038.3 | 4,171.5 | -133.3 | -3.2 | 3,497.4 | 540.8 | 15.5 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas[(1)] | 113.7 | 111.2 | 2.5 | 2.2 | 110.8 | 2.9 | 2.7 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas[(1)] | 3,868.3 | 3,868.6 | -0.3 | 0.0 | 4,218.4 | -350.1 | -8.3 |
| **SELF** | | | | | | | |
| **SELF TOTALI LIL RESIDENTI** | **10,172.9** | **10,079.3** | **93.6** | **0.9** | **9,471.4** | **701.5** | **7.4** |
| Self lill-gvern ġenerali | 2,204.7 | 2,172.6 | 32.1 | 1.5 | 2,010.1 | 194.6 | 9.7 |
| Self lil setturi oħra | 7,968.2 | 7,906.7 | 61.5 | 0.8 | 7,461.3 | 506.9 | 6.8 |

[(1)] Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.